# Fr. Pietru Cauchi OFM

## — *Reliġjuż Mosti tas-Seklu XVI*

Lejn tmiem is-seklu sittax, minkejja l-biża' ta' xi assedju ieħor u ż-żjara ta' xi pesta, ma kienx ta' min jinsiehom jew iwarrabhom għal kollox, il-gżejjer tagħna, li bdew iqumu fuq tagħhom. Il-maġisteru tal-Gran Mastru Verdala, għalkemm dwaru għadu ma sarx studju sħiħ, kien suċċess. Ikkwitaw l-inċertezzi li ddominaw iż-żmien ta' La Cassière u tqiegħed il-bidu għall-ġejjieni ta' ħajja aħjar. Biżżejjed wieħed jaħseb fir-riforma li Verdala wettaq fl-Ordni tiegħu tal-Kavallieri ta' San Ġwann bl-introduzzjoni mill-ġdid tan-novizzjat għall-kavallieri. Dan waħdu jurina li kellu l-intenzjoni li jibda mill-bidu nett. Lanqas ma rridu ninsew li fi żmienu nfetħu l-Kulleġġ tal-Ġiżwiti, ġew il-Kapuċċini, twaqqfu l-monasteri ta' Sant'Ursola u tal-Maddalena. Inżidu li minn dan l-istess progress għaddew ukoll l-ordnijiet reliġjużi, li fl-istess żmien temmew il-bini tal-kunventi tagħhom fil-Belt il-ġdida Valletta.

Waħda mill-knejjes li Ġlormu Cassar ippjana u mexxa l-bini tagħha hija dik ta' *Santa Marija ta' Gesù*, li kulħadd isibha bħala Ta' *Ġieżu*. Mid-dokumenti li ġew f'idejna s'issa jidher li l-bini tagħha tela' bil-mod. Ta' min ifakkar li l-patrijiet Franġiskani kienu diġà stqarrew lill-Gran Mastru Del Monte li ma kellhomx flus, imma li kellhom biss tama kbira li kien ser jirnexxilhom jibnu huma wkoll il-knisja tagħhom bl-għajnuna t'Alla u tal-benefatturi.

Waqt il-bini tas-saqaf tal-knisja, jew biex isiru l-aperturi tagħha, sar self ta' mija u ħamsin skud mingħand in-nutar Francesco Imbroll biex jintużaw *in fabrica ecclesiae dicti conventus et in lignaminibus eiusdem fabricae.* Fuq dan l-att notarili (27-01-1596) jidher fost oħrajn frater Petrus de Melita. Eżatt xahar wara l-istess frater Petrus de Melita kien preżenti din id-darba quddiem l-iskultur li kien inkarigat li jagħmel żewġ statwi għall-prospettiva ta' l-artal maġġur. Fil-21 ta' Mejju ta' l-istess sena nsibuh mill-ġdid quddiem in-nutar meta l-patrijiet aċċettaw legat mingħand il-benefattriċi tagħhom Marietta Bonaventura, li tathom erbgħin skud biex jitkomplew in-navijiet ta' l-istess knisja. Sentejn wara (11-12-1598) nerġgħu niltaqgħu miegħu fuq att notarili ieħor, li din id-darba m'għandux x'jaqsam mal-bini tal-kunvent jew tal-knisja.

F'dawn id-dokumenti l-patrijiet la jissemmew b'kunjomijiet u lanqas minfejn kienu. Kienu jiktbu biss li huma minn Malta. Din kienet l-użanza fost ir-reliġjużi, li lkoll kienu jiddependu mill-provinċjal tagħhom li kien fi Sqallija. Il-Franġiskani nfirdu minn ma' ħuthom l-Isqallin fl-1808. Għalhekk hu diffiċli li tkun taf il-partikularitajiet tal-patrijiet. Irridu niġu għal nofs is-seklu XVII biex jibda jkollna informazzjoni dwar xi wħud, li jew kienu għamlu n-novizzjat, jew kienu pprofessaw ir-regola hawn Malta. Terġa' l-ismijiet ma kinux ikunu duplikati wisq. Rari kien jingħata l-istess isem lil xi novizz ġdid qabel ma jmut dak li jkollu l-istess isem. Hekk Fr. Petrus de Melita, fl-istess żmien kien hemm wieħed biss.

➥ ikompli paġna 37

FORT BLOCKS
BUILDING CONTRACTORS & CONCRETE BLOCKS MANUFACTURERS

FORT BLOCKS Co. Ltd.

Jonmar House, Triq id-Difiża Ċivili, Mosta MST 11
Tel: 410427, 437744 Fax: 434421

# Fr. Pietru Cauchi

➡ minn paġna 36

Din l-istorja kollha qed nghiduha biex nuru l-importanza ta' dokument li sibna dan l-ahhar, li jghidilna preċiżament min kien dan frater Petrus de Melita, li kien jgħix fi tmiem is-seklu XVI. Fin-nuqqas ta' dokumenti oħrajn u minħabba li hu kważi dokument uniku li jiċċara l-identità ta' reliġjuż Franġiskan f'dan il-perjodu jikseb aktar importanza.

Sa qabel it-tagħrif minn dan id-dokument konna nafu li frater Petrus de Melita kien fost l-ewwel komunità Franġiskana tal-kunvent u l-knisja ta' Ġieżu tal-Belt Valletta. Nisthajjel li kien ukoll persuna importanti meta tqis li l-patrijiet kienu: fr. Placidu minn Messina, fr. Anġlu minn Montalto, fr. Ġużepp minn Scicli, fr. Pietru minn Malta u fr. Gabriel minn Malta. Tliet Sqallin u żewġ Maltin. Hekk wieħed jifhem l-importanza tal-patrijiet Maltin f'kunvent f'Malta u fost il-Maltin, fi żmien ta' bini ta' knisja u kunvent, monument storiku`sa llum.

Id-dokument ġdid tagħna jeħodna fid-9 ta' Ottubru, 1594 meta frater Petrus de Melita, quddien in-nutar Nicola Xebarras ((R490/19, ff. 128r-128v) għamel xiehda tiddikjara li kien iben imwieled minn żwieġ leġittimu. Dan iwassalna biex naħsbu li fr. Pietru ta' 26 sena fl-1594 kien ser jiġi ordnat saċerdot. Kien diġà *professus in ordine observantiae Sancti Francisci.* Kien għalhekk meħtieġ li jippreżenta dokument ta' twelid leġittimu, għaliex f'każ kuntrarju kien meqjus impediment għall-Ordni Sagri.

Mela n-nutar iddikjara quddiem ix-xiehda, u kif mitlub mill-istess fr. Petrus de Melita, il-verità dwar l-leġittimità ta' twelidu, l-età u l-fama tajba li għaliha kien magħruf. Dawn ix-xiehda, l-onorabbli Duminku Zarb minn Hal Lija, Ġorġ Fenech u Marjanu Xerri mill-Mosta, nies ta' min joqgħod fuqhom u jemminhom, b'ġurament xehdu li jafu sew lill-imsemmi Fr. Pietru, li twieled minn Joanne Cauchi et Paulae *jugalibus de dicto casali Mustae eorumque legittimo matrimonio et conjugalitate susceptum.* Kif ukoll li jafu lil dan Pietru sa minn tfulitu sa llum bħala bniedem ta' fama u ħajja tajbin. Fl-istess waqt Pietru jiddikjara li kellu 26 sena, *'circum circa'*, bejn wieħed u ieħor. Bl-istess mod ix-xiehda ddikjaraw li kienu jafu lill-ġenituri tiegħu. Fr. Pietru ma naqasx li jitlob kopji ta' dan l-att legali biex jista' jurih kull meta tinqala' l-ħtieġa.



Hekk dan ir-reliġjuż, Fr. Pietru, preżenti fil-belt Valletta, waqt il-bini ta' waħda mill-isbaħ knejjes, u li sa llum ftit inbidlet mit-tfsila oriġinali tagħha, kien Fr. Pietru Cauchi mill-Mosta.

Ta' min ifakkar li dan ma kienx l-uniku Patri Franġiskan mill-Mosta. Franġiskani Mostin insibu minn dejjem. Anzi nżid li l-Franġiskani kienu magħrufin sew fil-Mosta, u dan l-aktar permezz ta' dawk li kienu jiġu jittallbu l-għajnuna għall-missjoni tat-Terra Santa. Mhux wieħed u tnejn kienu jħallu xi ħaġa mit-testment tagħhom b'riżq 'Il-Qabar ta' Kristu'. B'hekk ma setax jonqos li kultant kienu wkoll jiġbdu lejhom xi vokazzjoni. Dan kollu jirriżulta minn ħafna atti notarili li ġew f'idejna s'issa. ■

*P. Gorg Aquilina OFM*


Ceitis
WOODWORKS
Importers and Manufacturers

Modern & Antique Kitchen Furniture



■ Apertures
■ Kitchens
■ Bedrooms
■ Dining Rooms
■ Grand Father
■ Clocks

Fort Street, Mosta
Tel / Fax: 420057
246921